# LECTIO DIVINA

# Is-Seba' u Għoxrin Ħadd

# Matul is-Sena (Sena A)

**Mt 21, 33-43**

## "Fl-aħħar bagħtilhom lil ibnu"

**"Kien hemm wieħed, sid ta' għalqa, u ħawwilha bid-dwieli; tellgħalha ħajt tas-sejjieħ madwarha, ħaffer magħsar fiha, u bnielha torri; u qabbilha lil xi bdiewa"** (v.33)

***"sid ta' għalqa"***: Letteralment tfisser "Sid id-dar" (b'referenzi oħra f'Mt 20,1; 10,25; 13,27.52). Is-Sid, barra d-dar kellu wkoll għalqa. F'dan il-post hemm spjegat dak kollu li huwa jagħmel għall-għalqa tad-dwieli tiegħu, b'referenza għall-'Kantiku tal-Għalqa tad-Dwieli' (ara Is 5,1-7) għax *"l-għalqa tad-dwieli tal-Mulej tal-eżerċti hija d-dar ta' Iżrael"* (Is 5,7). L-azzjonijiet tas-sid huma deskritti f'seba' verbi: ħawwel, tella' l-ħajt, ħaffer, bena, qabbilha, mar u bagħat. Huma dettalji li juru l-prondita' ta' din l-imħabba: *"U x'kien fadalli nagħmel għall-għalqa tiegħi u ma għamiltux?"* (Is 5,4).

**"Meta wasal żmien il-frott, bagħat il-qaddejja tiegħu għand dawk il-bdiewa biex jiġbrulu l-frott li kien imissu. Iżda l-bdiewa qabdu lill-qaddejja, u lil wieħed sawtuh, lil ieħor qatluh, u lil ieħor ħaġruh. Raga' bagħtilhom qaddejja oħra, aktar minn qabel, u għamlulhom l-istess"** (v.34-36)

***"żmien il-frott"***: *"Agħmlu mela frott xieraq tal-indiema"* (Mt 3,8); *"Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott"* (Ġw 15,5).

***"il-frott li jmissu"***: Ma hemmx imsemmi li huwa ried il-frott kollu. F'dak iż-żmien kien hemm il- meżżadrija, fejn il-ħaddiem kien ikollu d-dritt għan-nofs ta' dak li jipproduċi. Imma huwa ċar li l-ħaddiema riedu jieħdu kollox taħt idejhom. Ma kenux nies *respons-abili.*
Fit-test grieg, flok *'qaddej'* hemm *'skjav'*: *"Hu tiegħi l-maħbub tiegħi, jiena tiegħu"* (Għan 2,16).
Ix-xorti li messet lil dawn il-qaddejja hija mħabbra fil-Kelma: *"Għad jagħtukom f'idejn il-qrati, isawtukom fis-sinagoni, u titilgħqu quddiem gvernaturi u slaten minħabba fija"* (Mk 13,9), u tmiss ukoll lil Ġesu': *"Il-Lhud reġgħu qabdu l-ġebel biex iħaġġruh"* (Ġw 10,31); *"imma jekk għedt is-sewwa, għaliex terfa' jdejk fuqi?"* (Ġw 18,23); hekk ukoll ġara lil Stiefnu (ara Atti 7,59); *"Lil min mill-profeti ma pperswegwitawx missirijietkom?"* (Atti 7,52; ara Ġer 26,20-23; 1 Tes 2,15).
***"Raga' bagħtilhom qaddejja oħra"***: *"fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja"* (Rum 5,20).

**"Fl-aħħar bagħtilhom lil ibnu. 'Minn ibni jistħu,' qal. Iżda kif raw lil ibnu l-bdiewa bdew jgħidu bejniethom. 'Ara l-werriet! Ejjew noqtluh, biex il-wirt tiegħu niħduh aħna.' Qabduh, xeħtuh 'il barra mill-għalqa u qatluh'"** (v.37-39)
***'Minn ibni jistħu,'***: Is-sid jibqa' jara fl-istess bdiewa dak li huwa pożittiv. Fl-istess waqt, l-imħabba tiegħu lejn l-għalqa tad-dwieli twasslu jirriskja il-ħajja ta' ibnu l-għażiż, bħalma għamel Abraham għall-imħabba ta' Alla.
***'Ara l-werriet! Ejjew noqtluh'***: Insew li *"Tal-Mulej hi l-art u kull ma fiha, id-dinja u kull ma jgħix fiha"* (Salm 24,1). Riedu jippossjiedu kollox: l-għalqa u l-wirt tas-sid: *"Dawn kollha nagħtihom lilek jekk tinxteħet tadurani"* (4,9). Bdew jippossedu u jaduraw dak li selfilhom is-sid. Meta tispiċċa kull dipendenza mis-sid kollox jinbidel f'arroganza u kollox jibda jiġi ġġustifikat. Il-poter u l-flus huma l-għerq ta' ħafna ħażen. Aħaż qatel lil Nabot biex jeħodlu l-għalqa tad-dwieli' Il-profeta Elija qallu: *"Hekk jgħid il-Mulej: L-ewwel qtilt, u issa tisraq!"* (1 Slat 21,19).
***'Qabduh, xeħtuh 'il barra mill-għalqa u qatluh'***: Ġesu' jmut barra l-eredita' tiegħu u jingħata lill-ġnus: *"Gesu' wkoll bata 'l barra minn bieb il-belt biex bid-demm tiegħu nnifsu jqaddes lill-poplu"* (Lhud 13,12).

**“Qatt ma qrajtu fl-Iskrittura li: ‘Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka; bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan: ħaġa tal-għaġeb f’għajnejna’? Għalhekk ngħidilkom li s-Saltna t’Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lil ġens li jagħmel frott minnha”** (v.42-43)

***‘Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka’***: Ġesu’ jgħaddi mis-simboloġija tal-għalqa tad-dwieli għal dik tal-ġebla. Huwa nnifsu l-ġebla tax-xewka: *“Din hi l-ġebla li intom, il-bennejja, warrabtu u li saret il-ġebla tax-xewka”* (Atti 4,11); *“Ersqu, mela lejh, li hu dik il-ġebla ħajja li kienet imwarrbu mill-bennejja, imma magħżula minn Alla bħala ġebla għażiża... Għalikom, mela, li temmnu, dan huwa ġieħ! Għal dawk li ma jemmnux, din l-istess ġebla li warrbu l-bennejja, saret il-ġebla tax-xewka u ġebla ta’ tiġrif u tfixkil; tfixklu għax ma qagħdux għall-kelma t’Alla”* (1 Pt 2,4-8).

***‘ħaġa tal-għaġeb f’għajnejna’***: *“Kbar u tal-għaġeb l-għemejjel tiegħek, Mulej, Alla li tista’ kollox”* (Atti 15,3). It-tajjeb li nirċievu mingħand Alla l-bniedem ibiddlu f’ħażen u l-istess ħażen Alla kapaċi jbiddlu f’tajjeb. Bil-qtil ta’ Ibnu aħna wżajna ħażin il-liberta’ li tana (l-ikbar ġid li seta’ jagħtina ħalli jagħmilna bħalu) biex wettaqna l-ikbar ħażen, qtilna l-awtur tal-ħajja (Atti 3,15) u b’konsegwenza ta’ dan Alla nnifsu jagħtina s-salvazzjoni: *“Jekk intom ġibtuli fuqi d-deni, Alla bidlu fil-ġid, biex iżomm ħajja kotra ta’ ġnus”* (Ġen 50,20).

*“(Alla) għażel il-mistmerra mid-dinja, u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn ’il dawk li huma xi ħaġa”* (1 Kor 1,28). Dan huwa l-iskandlu messjaniku. U dan irid ikun l-aġir tan-nisrani. Dak li jiena rrid inwarrab fija nnifsi mill-istorja personali tiegħi, dak li l-oħrajn iwarrbu, Alla kapaċi jbiddlu fi strument ta’ salvazzjoni. B’hekk jiena nkun nista’ nirċievi *“il-milja ta’ dak li jimla’* ***kollox f’kollox***” (Ef 1,23).

***‘Għalhekk ngħidilkom li s-Saltna t’Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lil ġens li jagħmel frott minnha’***: *“Hekk kien meħtieġ, li l-kelma t’Alla titħabbar lilkom l-ewwel. Billi intom qegħdin twarrbuha, u jidhrilkom li ma titstħoqilkomx il-ħajja ta’ dejjem, aħna se nduru fuq il-pagani”* (Atti 13,41; ara wkoll 18,6).

Għar-Riflessjoni

1. Kull ġurnata jiġu għandna persuni biex jiġbru l-frott mid-dielja tal-Mulej, li jikkonsisti fl-imħabba murija f’atteġġjamenti u sfumaturi diversi. Qed isibu inbid tajjeb jew għeneb qares?
2. Is-Sid jaffronta falliment wara l-ieħor: jitlef il-frott, jitlef lill-qaddejja, jitlef il-ħaddiema u fl-aħħar lill-istess ibnu. Frattant l-istorja ma tispiċċax b’falliment jew

vendetta, imma b’offerta ta’ possibilta’ oħra: l-għalqa issa ser tingħata lil ġens li jagħmel frott minnha. Kif qed inħares lejn il-fallimenti tiegħi u dawk tal-oħrajn?

3. Filwaqt li din il-parabola toħloq fina sens ta’ gratitudni għal dak kollu li Alla jagħmel magħna, mill-banda l-oħra toħloq fina sens ta’ biża’ qaddis quddiem l-isterilita’ u n-nuqqas ta’ korresponsabilita’ li nistgħu naqgħu fihom.
4. X’jiġifieri noqtol lil dawk li l-Mulej qed jibgħat għandi biex jiġbor il-frott (l-imħabba)? Nista’ ‘noqtol’ b’diversi atteġġjamenti tiegħi.
5. Is-Sid ma jpattix għall-vjolenza bil-vjolenza. It-triqat tiegħu mhumiex it-triqat tagħna. “Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesu’” (Ef 2,5).
6. Is-Sid narawh bħala dak li jistenna, jittama. Nerġa' naqra din il-verità fl-esperjenza tiegħi tal-passat quddiem ċerti żbalji li wettaqt. Qed ikolli l-istess atteġjament quddiem xi żbalji tal-oħrajn?
7. Il-bdiewa kienu responsabbli ta' xulxin, tant li meta ġie għandhom l-Iben tas-Sid, "bdew jgħidu bejniethom". Bit-tpaċ  piċ żejjed u t-tgergir kemm kont mezz biex ninfluenza b'mod negattiv lill-oħrajn...